torq, kienu jizolqu x'uhud minnhom. Hawn ma nistghax nonqos li nsemmi lill Patri Mikiel li kien il-prokuratur abbli hafna tal-festa, il-familja kbira tas-Sisi u Karmenu Muscat, li kien jiehu hsieb id-dawl, l-armar u d-disinji. Dawn in-nies huma sinonimi mal-festa ta' dawk iz-zminijiet. Hemm hafna dettalji ohra fuqhiex wiehed jista' jelabora, imma mpossibbli tghid kollox fi spazju hekk limitat.

---

L-ISTAMPA LI TIDHER WARA' DIN IL-PAGNA TURI:-

Fuq:- Festa ta' San Duminku fil-Belt Valletta. Jidhru id-Dumnikani libsin il-muzzetta specjali, u jidhru wkoll il-bombli li jzejnu t-triq, kif imsemmijin mill-awtur fl-artikolu tieghu. (ritratt minn Guido Lanfranco fil-festa tal-31-7-1983)

Isfel:- Il-karrozzella tal-kappillan bil-parilja, u l-karru tal-mejtin, sekonda klassi, jistennew ghal-funeral hdejn l-isptar San Luqa fil-Gwardamanga. Dawn kienu f'April tal-1969, l-ahhar li baqghu jintuzaw, ghax spiccaw f'dik is-sena stess, biex minflokhom bdew jintuzaw il-"hearses",karrozzi apposta. (ritratt minn Guido Lanfranco fl-20-4-1969)

---

L-IMNARA TA' DIN IS-SENA

B'dan in-numru 14 ta' l-Imnara qed nippruvaw inbiddlu l-format u l-prezentazzjoni tal-bullettin tal-Ghaqda tal-Folklor. L-ewwel numru hareg fl-1978, b'wiehed kull sena, hlief xi numru specjali kultant. Fin-numri ta' qabel, sa mill-bidu, l-editur kien jippublika lista bibljografika ta' artikoli u kotba ta' nteress folkloristiku ghall-Maltin, kif ukoll notamenti dwar attivitajiet tal-Ghaqda tal-Folklor; izda minhabba problemi ta' spazju, dawn ghadhom ma dehrux f'dawn l-ahhar zewg hargiet, madankollu qed jingabru biex jidhru malli jkunhemm ic-cans.

Il-produzzjoni ta' L-Imnara kull sena qed tiswa aktar, ukoll jekk mhix tigi stampata ghand l-istamperija, u ma nistghux nippublikawha f'numru akbar, ghax l-ghadd ta' kopji jiddependi minn kemm hemm membri fil-Ghaqda taghna li jhallsu l-hlas ta' lira fis-sena. Ghalhekk inheggu lill-membri biex ikunu regolari fil-hals, b'hekk jghinu fit-tixrid ta' l-interess tal-folklor taghna permezz ta' L-Imnara.

---